MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 429/2002/1

**Charmaine Vella f'isimha proprju u**
**f'isem il-minuri Katy u Paul Vella**

**v.**

**Joseph Vella**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attrici proprio et nomine, wara illi ppremettiet illi l-hajja konjugali u l-koabitazzjoni bejn il-partijiet saru impossibbli, u dan ghar-ragunijiet digà migjuba quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili li b’digriet tas-7 ta’ Marzu, 2002, awtorizzat li tinbeda s-separazzjoni (*sic*); illi dawn ir-ragunijiet huma eccessi sevizji u ingurji gravi, oltre li z-zwieg tkisser irremedjabilment; illi minn dan iz-zwieg kien hemm zewgt itfal: Katy li twieldet fid-29 ta’ April, 1992, u Paul li twieled fid-9 ta’ Settembru, 1993; talbet ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: 1. tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan bi htijiet imputabbli lill-konvenut, u dan ghar-ragunijiet premessi; 2. tiffissa r-retta alimentarja ghall-attrici u timponi wkoll il-modalitajiet tal-hlas ta’ l-istess retta; 3. tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti gjà ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tassenja nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut; 4. tikkomina kontra l-istess konvenut il-provvedimenti ta’ l-Artikoli 48 u 50 sa 55 tal-Kodici Civili; 5. tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Katy u Paul lill-attrici kif ukoll li tordna lill-istess konvenut ihallas retta alimentarja ghalihom lill-attrici bil-modalitajiet tal-hlas ta’ l-istess; 6. tassenja d-dar konjugali lill-attrici taht dak it-titlu u taht dawk il-provvedimenti xierqa ghall-kaz; 7. tawtorizza lill-attrici li tibda tuza kunjom xbubitha; bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni, inkluzi fl-ispejjez dawk tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attrici u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi hemm qbil illi l-Qorti tippronuncja s-separazzjoni personali ta’ bejn il-kontendenti konjugi Vella;

2. Illi z-zwieg tal-konjugi Vella tkisser minhabba htijiet imputabbli lill-attrici u dana peress illi sabiex hija tkun tista tkompli bil-hajja adultera taghha, telqet mid-dar konjugali u marret tghix ma’ ommha bit-tfal b’kollox;

3. Illi ghalhekk ma ghandhomx japplikaw il-proveddimenti ta' l-artikoli 48, 50 u 55 tal-Kodici Civili, liema provvedimenti *se mai* ghandhom japplikaw fil-konfront ta' l-attrici;

4. Illi l-eccipjenti huwa dispost li jhallas manteniment ghaz-zewg uliedu minuri, liema manteniment ghandu jkun a proporzjon ta' l-introjtu ta' l-eccipjenti u wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li qed iddahhal l-attrici mill-impjieg *full time* taghha;

5. Illi ghalhekk isegwi li già la darba l-attrici ghandha u ilha ghal snin tahdem f'impjieg fiss, l-eccipjenti ma ghandux ihallas retta alimentari lill-attrici kif minnha mitlub fit-tieni talba tal-kawza odjerna;

6. Illi l-eccipjenti jaqbel li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata lill-attrici, b'dana illi l-Qorti ghandha tiffissa access versu l-esponent, liema access ghandu jispecifika il-granet u l-hinijiet li fihom l-esponent ikun jista jara u jqatta hin ma' uliedu;

7. Illi kwantu ghas-sitt talba, fil-kawza odjerna, l-eccipjenti jissottometti li tali talba ma ghandhiex tigi milqugha, stante li kif inghad, kienet l-attrici li ghal ragunijiet li tafhom hi telqet mid-dar matrimonjali u marret tabita ma' ommha. Illi l-esponenti ma ghandux ebda akkomodazzjoni alternattiva minn dik tad-dar matrimonjali. L-esponent huwa di(s)post li f'kaz li ma jigix ordnat il-bejgh tad-dar, jghix ma' martu u uliedu fl-istess dar u dana kif addirittura huwa dejjem xtaq li jsir a skans tal-hafna problemi matrimonjali li nqalghu minhabba l-mara;

8. Salv eccezzjonijiet ohra;

Bl-ispejjez;

Rat is-sentenza tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju, 2004 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet "l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu … huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz", astjeniet milli tiehu konjizjoni tas-sitt (6) talba attrici, laqghet it-talbiet attrici l-

ohra kollha fis-sens imsemmi fl-istess sentenza u ordnat illi l-ispejjez jithallsu kollha mill-konvenut. Kopja ta' l-imsemmija sentenza qeghdha tigi annessa bhala appendici ma' l-odjerna sentenza sabiex tifforma parti integrali minnha;

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab hekk:
"…. li s-sentenza moghtija fis-27 ta' Mejju, 2004 fl-ismijiet hawn fuq premessi tigi mhassra, revokata u annullata u b'hekk tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellanti u tiddikjara li dan l-appell jigi milqugh" (*sic*);

Rat illi ma jirrizultax illi l-attrici appellata pprezentat risposta ghar-rikors ta' appell tal-konvenut;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad, qabel xejn, illi waqt l-udjenza mizmuma minn dina l-Qorti fil-hmistax (15) ta' Frar, 2005 il-kontendenti pprezentaw nota kongjuntiva illi qed tigi hawn riprodotta *in toto*:
"Li permezz taghha [*i.e.* tan-nota] biex jidderimu u jittransigu bl-ahjar mod il-kwistjonijiet ta' bejniethom qeghdin jaqblu li

(1) s-sentenza moghtija fis-27 ta' Mejju 2004 tkun riformata u minflok, il-partijiet jaqblu li

(a) tigi dikjarata s-separazzjoni personali peress li z-zwieg tkisser irremedjabilment.

(b) illi stante li l-attrici tahdem, ma hemmx lok ghall-manteniment taghha.

(c) tilqa' [*recte*: tintlaqa'] t-tielet talba ghax-xoljiment tal-komunjoni mis-27 ta' Mejju, 2004, u tiddikjara [*recte*: jigi dikjarat] li ma hemmx lok ghal-likwidazzjoni u divizjoni

stante li l-partijiet digà qasmu l-istess, hlief li l-*Insurance Policy* mas-*Sun Life Assurance Company of Canada* tkun unikament tal-konvenut u d-depoziti bankarji unikament tal-mara.

(d) illi l-partijiet jiddekadu mid-dritt tas-successjoni ta' xulxin.

(e) illi l-kura u l-kustodja tkun ghand l-omm tal-minuri, b'access liberu kif jiftehmu l-partijiet favur il-missier.

(f) illi d-dar konjugali mibjugha u r-rikavat maqsum.

(g) illi l-attrici tista' tuza kunjomha ta' xebba 'Stephens'.

Il-partijiet jaqblu li jhallu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti jekk ghandhiex tvarja jew le l-manteniment u spejjez edukattivi tal-minuri u l-ispejjez tal-proceduri. Bhala bazi ghandha titqies li dik il-parti tas-sentenza rigwardanti t-tieni talba (fol. 558 tal-process) tifforma l-uniku mertu li baqa' fl-appell, flimkien mal-ispejjez.

Inoltre jitolbu li dak imsemmi fil-paragrafi (a) sa (f) jigi nkorporat fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti."

Illi huwa utili illi jigi precizat illi, "l-manteniment u spejjez edukattivi tal-minuri" illi jissemmew fl-ahhar paragrafu tan-nota konguntiva tal-kontendenti jiffiguraw fil-meritu <u>ta' parti mill-hames (5)</u> - u mhux tat-tieni (2) - talba attrici;

Illi, in vista ta' dak illi jinghad fin-nota tal-kontendenti illi ghadha kemm giet riprodotta, dina l-Qorti, mill-aggravji ta' l-appellant avanzati fir-rikors ta' appell, trid tikkonsidra biss dak dwar il-*quantum* illi l-konvenut gie kundannat sabiex ihallas lill-attrici ghall-manteniment taz-zewg (2) ulied minuri tal-kontendenti, flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni ta' l-istess minuri, u dak dwar l-ispejjez gudizzjarji;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghall-aggravju dwar il-manteniment, l-appellant qed isostni illi l-mezzi tieghu ma jippermettulux illi jhallas l-ammont ta’ mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm220) fix-xahar u nofs (1/2) l-ispejjez gholjin ghall-edukazzjoni ta’ uliedu;

Illi dina l-Qorti, wara illi ezaminat l-atti processwali, hija tal-fehma illi, filwaqt illi l-appellant ghandu jibqa’ responsabbli ghall-hlas ta’ nofs l-ispejjez mehtiega ghall-edukazzjoni ta’ uliedu minuri, l-ammont ta’ Lm220 fix-xahar illi l-appellant gie kundannat ihallas “lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri” ghandu jonqos konsiderevolment, u dana ghar-ragunijiet segwenti:

(i) meta giet pronunzjata s-sentenza appellata - u kif gie rikonoxxut fl-istess sentenza - l-introjtu nett tal-konvenut mill-impjieg fiss tieghu kien konsiderevolment anqas minn dak ta’ meta, permezz tad-digriet ta’ l-allura Sekond Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta’ Jannar, 2002 (digriet numru 148/2002, fol. 247FF *et seq*.), gie stabbilit l-ammont ta’ Lm220 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri;

(ii) il-fatt illi, kif gustament xehed l-appellant quddiem l-ewwel Qorti (fol. 299), l-istess appellant issa qed jghix wahdu u, ghalhekk, irid jaghmel ix-xoghol tad-dar huwa, inaqqaslu l-potenzjal illi jaghmel daqstant xoghol oltre x-xoghol fiss tieghu daqs kemm kien jaghmel meta nghata l-imsemmi digriet numru 148/2002, u dana b’effett negattiv fuq l-introjtu totali ta’ l-appellant;

(iii) l-attrici ghandha introjtu mill-impjieg taghha illi huwa sostanzjalment akbar minn dak illi kellha meta inghata l-istess digriet. Konsegwentement, kif jinghad tajjeb fis-sentenza appellata, anke l-attrici ghandha l-obbligu illi tmantni lil uliedha minuri. Dan il-fattur ghandu ukoll jincidi fuq l-ammont ta’ manteniment illi ghandu jigi tenut ihallas l-appellant;

Fil-fehma tal-Qorti, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet illi ghadhom kemm saru u tal-provi prodotti, huwa gust u ekwu illi, fic-cirkostanzi attwali, l-ammont illi l-appellant ghandu jhallas lill-attrici ghall-manteniment ta’ uliedu

minuru jigi ridott ghal mija u hamsin lira maltija (Lm150) kull xahar;

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi, kwantu ghall-aggravju dwar l-ispejjez gudizzjarji, ghandu jinghad mill-ewwel illi in virtù ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi, mhux konsentit appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata illi applikat il-provvediment tal-paragrafu numru ghaxra (10) tat-Tariffa A ta' Skeda A tal-Kap 12;

Kwantu ghall-kumplament ta' l-ispejjez gudizzjarji, fil-fehma ta' dina l-Qorti, mehuda in konsiderazzjoni l-fatturi kollha rilevanti, senjatament il-fatt illi l-kontendenti qablu, kif già inghad, illi s-separazzjoni tigi pronunzjata minhabba illi z-zwieg taghhom tkisser irremedjabilment, huwa xieraq illi l-ispejjez taz-zewg istanzi jigi sopportati bin-nofs (1/2) bejn il-kontendenti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:
(a) tirrevokaha kwantu ipprovdiet dwar l-ewwel talba attrici u tipprovdi dwar l-istess talba billi tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti "peress illi z-zwieg tkisser irrimedjabilment";

(b) tirrevokaha kwantu pprovdiet dwar it-tieni (2) talba attrici fl-ahhar paragrafu ta' dik il-parti tad-dispositiv enumerata tnejn (2), u tipprovdi dwar l-istess talba billi tiddikjara "illi stante li l-attrici tahdem, ma hemmx lok ghall-manteniment taghha" minghand il-konvenut;

(c) kwantu ghat-tielet (3) talba attrici tikkonfermaha biss kwantu pprovdiet illi "Tilqa' t-tielet talba attrici u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza", jigifieri mis-27 ta' Mejju, 2004, u tirrevokaha ghall-kumplament u, minflok, "tiddikjara li ma hemmx lok ghal-likwidazzjoni u divizjoni" tal-komunjoni ta' l-akkwisti "stante li l-partijiet digà qasmu l-istess, hlief li l-

*Insurance Policy* mas-*Sun Life Assurance Company of Canada* tkun unikament tal-konvenut u d-depoziti bankarji unikament tal-mara”, jigifieri ta’ l-attrici;

(d) tirrevokaha kwantu pprovdiet dwar ir-raba’ (4) talba attrici u tipprovdi dwar l-istess talba billi tiddikjara illi l-kontendenti ddekadew “mid-dritt tas-successjoni ta’ xulxin”;

(e) kwantu ghal dik il-parti tal-hames (5) talba attrici illi tirrigwarda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Katy u Paul, tikkonfermaha kwantu fil-parti tad-dispositiv enumerata hamsa (5) gie provdut illi “Tilqa’ l-hames talba u takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri, Katy u Paul, ahwa Vella lill-attrici” u tirrevokaha ghall-kumplament u, minflok, tiddikjara illi l-access tal-konvenut ghall-imsemmija minuri ghandu jkun “liberu kif jiftehmu l-partijiet”. Kwantu ghal dik il-parti tal-hames (5) talba attrici illi tirrigwarda “r-retta alimentarja ghalihom [ghat-tfal minuri] lill-attrici” tiddikjara illi ghandu japplika dak illi jinghad fil-parti tad-dispositiv enumerat tnejn (2) b’dan illi: (i) fil-bidunett, il-kliem “Tilqa’ t-tieni talba” qed jigi revokat u qed jigi sostitwit bil-kliem “Tilqa’ l-hames talba”; u (ii) il-kliem u cifri “s-somma ta’ mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm220)” qed jigu revokati u sostitwiti bil-kliem u cifri “is-somma ta’ mija u hamsin lira maltija (Lm150)”;

(f) tirrevokaha kwantu pprovdiet dwar is-sitt (6) talba attrici u tipprovdi dwar l-istess talba billi tiddikjara illi “d-dar konjugali mibjugha u r-rikavat maqsum”;

(g) tikkonfermaha kwantu pprovdiet dwar is-seba’ (7) talba attrici;

(h) tirrevokaha kwantu pprovdiet dwar l-ispejjez tal-kawza u tordna illi l-ispejjez tal-kawza ta’ l-ewwel istanza jigu sopportati kwantu ghal nofs (1/2) mill-attrici u kwantu ghal nofs (1/2) mill-konvenut;

(i) tikkonfermaha kwantu pprovdiet dwar ir-rikors ta’ l-attrici ntavolat fit-tnax (12) ta’ Awissu, 2003 stante illi ma

jirrizultax illi l-konvenut appellant ressaq xi aggravju dwar dan il-provvediment;

(j) tikkonfermaha ghall-kumplament;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kwantu ghal nofs (1/2) mill-konvenut appellant u kwantu ghal nofs (1/2) mill-attrici appellata.

Deputat Registratur
df

**Appendici**

Kopja tas-sentenza moghtija fis-27 ta’ Mejju 2004, qeghda tigi annessa ma’ din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------